**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Frar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Sandra Zammit**

**Vs**

**Neeson Abela**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Neeson Abela, iben Joseph u Eleanor xebba Camenzuli, imwieled Pieta' nhar it-18 t'Awwissu, 1995 u residenti gewwa Nru 7, Fuq Verdala, Bormla w detentur ta' l-identita' numru 360395M;

Talli nhar il-11 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' bejn 13:00hrs u 13:15hrs, gewwa 6 Till 9 Convenience Shop fi Triq Ganu, Birkirkara:

1) Mexxa 50 euro falsifikata meta kien jaf li hi falsifikata;

2) U aktar talli kiser l-Art 7 tal-Kap 446 li kienet inghatat lilu bhala sentenza gewwa l-Qrati ta' Malta nhar il-15 ta' Frar, 2013 mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel;

3) U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija lilu gewwa l-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Dan il-kaz jittratta t-tmexxija u l-uzu ta' flus foloz fil-pubbliku, reat li kien regolat mill-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta, illum regolat b'Artikolu tal-ligi fil-Kodici Kriminali. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Nhar il-15 ta' Mejju, 2011, f'xi hin bejn is-1.00pm u s-1.15pm, l-imputat dahal f'hanut bl-isem "6 till 9 Convenience Shop" fi Triq Ganu, B'Kara, biex isarraf karta ta' hamsin Ewro. It-tfajla li kien hemm fil-hanut sarrfitielu u tatu zewg karti ta' ghoxrin Ewro u karta ta' ghaxra, izda ftit sekondi biss wara ndunat li l-karta ta' hamsin kienet wahda falza. Hi harget tigri mill-hanut sabiex tilhqu, izda hu kien rikeb f'karozza u lahaq telaq minn fuq il-post. Ghalhekk issejhu l-Pulizija sabiex jibdew l-investigazzjoni taghhom, u rrisulta li l-vettura kienet ta' certu Jordan Azzopardi. Minn hemm raw li riekeb mieghu dakinhar kellu lill-imputat. Abela gie arrestat u kien ta stqarrija fit-12 ta' Mejju, 2015, fejn qal li ma kienx jaf li dik il-karta kienet wahda falza. Kien qal biss li dik il-karta kien tahielhu habib tieghu li kien selfu mitt Ewro u dan il-habib, li l-imputat ma riedx isemmi, hallsu lura billi tah zewg karti ta' hamsin Ewro, wahda minnhom mertu ta' dawn il-proceduri. Abela tressaq il-Qorti b'dawn l-akkuzi u ghalhekk inbdiet din il-kawza.

Mill-provi prodotti ma tantx hemm f'hiex titfixkel. L-imputat dahal fil-hanut imsemmi, tant li hemm anke filmat tieghu qed isarraf il-flus u johrog mill-istess hanut, bit-tfajla tal-hanut tohrog tigri warajh ftit sekondi biss wara. Il-karta tal-hamsin Ewro giet esebita u giet esaminata minn espert tal-Qorti, li qal li hi fotokopja ta' karta ta' hamsin Ewro u mhix maghmula b'mod professjonali. Xehdet ukoll Nadia Abela, it-tfajla li kienet fil-hanut dak il-hin, li qalet li hi indunat li l-hamsin Ewro kienet falza kwazi immedjatament hekk kif l-imputat tahielha, izda kienet lahqet tatu l-flus u hu hareg malajr mill-hanut. Qalet ukoll li ratu jidhol f'karozza u din saqet 'l hemm. Xehdu d-diversi ufficjali tal-Pulizija li kellhom sehem fl-investigazzjoni, u l-provi kollha huma kkorroborati u jwasslu ghall-htija fl-imputat minghajr ebda dubju dettat mir-raguni. Gew esebiti wkoll ir-rapport tal-okkorrenza tal-Pulizija, l-istqarrija tal-imputat, zewg sentenza fil-konfont tal-istess imputat ghall-finijiet tal-

addebitu tar-recidiva, u rapport tal-espert tal-Qorti Dr Stephen Farrugia Sacco dwar il-filmat esebit fl-atti.

L-imputat ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri u l-anqas ressaq xi provi min-naha tieghu, ghalhekk il-Qorti tifhem li l-provi tal-Prosekuzzjoni, apparti li huma univoci u ma jhallu ebda dubju, kif gia' inghad, l-anqas biss gew kontradetti.

Minn dawn il-provi univoci, ghalhekk, il-Qorti qed issib lil Neeson Abela hati tar-reat addebitat lilu. Kwantu ghall-piena, il-Qorti ghandha idejha marbuta. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li llum il-ligi inbidlet, u l-Artikoli indikati jinsabu f'ligijiet ohra. L-Artikolu 45 tal-Kap 204 kien tnehha f' Awwissu 2016, u dahal bhala Artikolu 188B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, meta nhargu l-Artikoli fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju fil-15 ta' Frar, 2016, id-disposizzjonijiet tal-Kap 204 kienu ghadhom vigenti. Illum huwa l-Kap 9 li huwa applikabbli. L-Artikolu 188B tal-Kap 9 jaghti piena minima ta' sentejn prigunerija ghal dan ir-reat, u massimu ta' disa' snin. Inoltre, l-imputat kien inghata ordni ta' probation fil-15 ta' Frar, 2013, ghal perijodu ta' tlitt snin, li ghalhekk kellhom jiskadu fi Frar 2016. Dan ir-reat sar f'Mejju 2015, waqt il-perijodu operattiv tal-ordni ta' probation, u dan ifisser li l-Qorti ma tistax taghti sentenza sospiza f'dan il-kaz. Fit-tielet lok, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat kien jaf ezatt x'qed jaghmel meta dahal fil-hanut imsemmi u sarraf il-hamsin Ewro falza. Anzi, il-Qorti tissuspetta li anke l-habib tieghu, li kien fil-vettura, kien jaf x'qed jigri, ghall-mod kif telqu b'heffa minn fuq il-post, izda dan jibqa' biss suspett tal-Qorti. Kwantu ghar-recidiva, is-sentenzi li kienu nghataw fil-konfront tieghu kienu sanzjonijiet fil-komunita' taht il-Kap 446, u ghalhekk ir-recidiva mhix applikabbli ghal dan il-kaz. Il-ksur tal-ordni ta' probation tal-2013 sejra tigi inkorporata fil-piena ghal dan ir-reat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 45(1) u 50(4) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 188B, 188F, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imsemmi imputat hati, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-esebit taht l-awtorita' tal-Bank Centrali ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**